Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

# MINUTI TAT-TNEJN U GHOXRIN LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 8 t' Ottubru 2013 | | | |
| **HIN** | Minn | 5.30pm | Sa | 8.15pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | GERALD BORG |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

1. **APPROVAZZJONI TA' MINUTI**

Approvati wara li saru xi korrezzjonijiet minimi relatati mac-carar ta' diskors li ma' kienx miftiehem sew fuq item 3 Approvazzjoni ta' Pagamenti. Is-Sur Raymond Azzopardi talab ukoll biex jitnehha punt imqajjem minn tieghu minhabba li dan il-kumment kien gie mghoddi wara li ntemmet il-laqgha.

2. **KORRISPONDENZA**

🗁 Email minghand Nicky Camilleri rigward Maratona Pinkmyride b'risq Alive Charity Foundation.Il-Kunsill gie mitlub jiehu sehem attiv fl-organizazzjoni billi:
Jissupplixxi Gazebo free of charge u billi jigu ordnati xi pulizija biex jikkontrallaw it-traffiku.
**DECIZJONI LI TTIEHDET**: Il-Kunsill qabel.

🗁 Email mingħand Sylvana Zarb Adami rigward l-eghluq ta' Triq ir-Ruzell. **DECIZJONI LI TTIEHDET**: Il-Kunsill qabel li ma jistax ikun jibqghu jitnehhew decizjonijiet li ttiehdu wara li dawn ikunu gew ikkonsultati u saru diskussjonijiet anka mar-residenti.

🗁 Email mingħand il-Maltese Olympic Committee rigward l-MOC Sports Awards.
**DECIZJONI LI TTIEHDET**: Il-Kunsill ghandu jibghat is-sottomissjoni tieghu.

🗁 Email mingħand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali li minhabba li ntefghet nomina wahda mhux se jsiru elezzjonijiet fir-Regjun Cemtru nhar is-Sibt, 12 t'Ottubru 2013.

🗁 Ittra rigward build-out fi Triq Hal-Warda biex titnehha minghand Philippa Attrard u firmatarji ohra.
**DECIZJONI LI TTIEHDET**: Il-Kunsill laqa' din it-talba u l-ittra ghandha tintbghat lill-Transport Malta. Ma' din it-talba ghandha tizdied ukoll bankina ohra li ssemmiet mis-Sur Gerald Borg fi Triq Haz-Zebbug li qed tohloq ostakolu lit-traffiku kull filghodu minhabba li minn two-lane ir-traffiku jispicca one-lane. Hu ssuggerixxa li ssir standard skond l-ispecifikazzjonijiet tal-KNPD cioe' 90cm. Is-Sur Cordina qal li ga saru diversi rapporti rigward din il-build-out imma issa t-traffiku vera zdied u hemm bzonn jig rrimedjat xi haga.

🗁 E-mail minghand Dott. Herbert Messina Ferrante rigward incidenti fi Triq in-Nutar Zarb. Is-Sur Cordina qal li ghadhom jinghataw citazzjonijiet u ma jistax jifhem kif fi'50km fis-siegha jistghu jinholqu incidenti.

**DECIZJONI LI TTIEHDET**: Ghandha tingab lista ta' kontravenzjonijiet li saru l-Erbgha, 18 ta' Settembru fi Triq in-Nutar Zarb biex jigi ccarat li l-camera qed tkun effettiva.

**3. APPROVAZZJONI TA' SKEDA TA' PAGAMENTI AWISSU**

Is-Sur Alfred Zammit u S-Sur Gerald Borg saqsew diversi mistoqsijiet relatati ma' pagamenti fosthom il-pagament dovut lill-Gatt Bros. relatat ma' Gnien Hal Warda u filwaqt li s-Sur Zammit saqsa jekk il-pagamenti konnessi mat-taxxi u l-bolol jistghux ikunu spjegati iktar per ezempju kemm thallset taxxa u bolla tat-tali u l'iehor. Is-Sur Cordina qal li l-file tal-emolumenti jispjega ezatt kulhadd kemm hallas taxxa u bolla u jekk jixtieq jarah jista' jaghmel dan meta jrid.

**4. APPROVAZZJONI TA' RAPPORT TAL-KWART TAS-SENA APRIL – GUNJU 2013**

Dan ir-rapport gie approvat wara s-Sur Borg saqsa jekk hemmx zball taht is-sezzjoni General Income – Bye-laws minhabba li hemm differenza sostanzjali fic-cifra. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li m'hemm l-ebda zball biss hemm differenzi normali dovuti ghall-inqas qliegh minn permessi mahruga bhal per ezempju tal-posta/kiosk hdejn in-Numero Uno li waqfu kompletament minhabba li sar maghruf li l-art hi tal-Malta Industrial Parks Limited kif ukoll tower cranes ta' binjiet.

**5. HRUG TA' TENDERS**

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li se jinhargu dawn it-tenders li waslu biex jiskadu:
Servizz ta' Perit
Kiri jew Xiri ta' Post ghall-Ufficcini tal-Kunsill
Manutenzjoni ta' Marki tal-Karreggjata
Tiswija ta' lampi tat-Toroq. Hi nfurmat il-kulhadd li dawn se jaghlqu l-Gimgha, 15 ta' Novembru 2013.
.

**6. POST MORTEM JUM H'ATTARD U CAR FREE DAY.**

Is-Sur Cassar qal li s-servizz tal-Gwardjani Lokali kien vera disappuntanti. Is-Sur Gerald Borg qal li ghall-edizzjonijiet ohra jekk il-Kunsill jiddeciedi li jippartecipa jrid jinvesti f'barriers biex ikun hemm iktar kontrol fuq l-influss ta' vetturi li kultant bdew ghaddejjin bl-addocc. Is-Sur Cassar qal li kien hemm hinijiet fejn it-traffiku waqaf kompletament. Talab biex jintbaghtu ittri ta' ringrazzjament lill-kulhadd u dan gie ssekondat mis-Sur Stefan Cordina.

Is-Sur Bartolo qal li darb'ohra jinbeda l-process qabel sabiex ikun hemm iktar promozzjoni fir-Rivista u permezz tat-tqassim ta' leaflets informattivi. Qal li tlett xhur qabel jigi ffurmat sott-kumitat u jahdem fuq il-promozzjoni tal-attivita' permezz tat-televizzjoni waqt programmi popolari t'interess u radio ukoll. Mill-bqija rringrazzja lill-kulhadd ghax ghalih l-attivita' kienet success. Kulhadd qabel.

**7. SUR P. CARUANA – TALBA GHALL-TKOMPLIJA TA' HIDMA MAL-KUNSILL LOKALI WARA L-ETA' STABBILITA' TAL-IRTIRAR (62 SENA)**

Is-Sur Remigio Bartolo qal li l-vers li biex ikompli jahdem wara l-eta' tal-irtirar irid izomm *position of trust* hija skorretta u l-Kunsill biss jista' jiddeciedi f'dan il-kaz.
**DECIZJONI LI TTIEHDET:** Il-Kunsill unanimament qabel li jiggedded il-kuntratt tas-Sur P. Caruana sena b'sena u fil-kaz li hu ma jkunx interessat iktar fl-impieg irid javza l-Kunsill u jaghti notice tlett xhur qabel.

**8. PUNTI MQAJJMA**

Is-Sur Remigio Bartolo ressaq dawn il-punti:

- Li fi Triq Birkirkara hemm spaction tal-telefons li kull darba jisfronda u meta taghmel ix-xita izomm hafna ilma sabiex jitranga darba u sew u mhux jigi mraqqa.
- Li ghal Jum H'Attard tas-sena d-diehla jinfethu n-nomini kmieni u jkun hemm iktar ko-ordinament specjalment rigward id-data li qed tigi stabbilita' ghall-vicin it-8 ta' Gunju biex ma jkunx hemm iktar tahwid fid-dati. Is-Sur Bonnici qal li hemm bzonn jigi ffurmat sotto-kumitat sabiex iduru n-negozji z-zghar u medji fir-rahal u jingabru flus ghall-attivitajiet sabiex anka forsi jkun jista' jerga' jsir Lejl ghat-Tard.

Is-Sur John P. Bonnici ressaq dawn il-punti:

- Li hemm bozza maqtugha hdejn fi Triq l-Imdina quddiem Grech Marbles
- Li hemm bozza ghadha maqtugha quddiem iz-Zodiac
- Li hemm bzonn isir xi patching Triq Tumas Chetcuti

Is-Sur Marco Spiteri ressaq dawn il-punti:

- Li sfortunatament kellu ncident zghir dakinhar ta' Car Free Day fejn is-Sur Charlie Zammit, membru tal-kumitat 'La Stella Levantina' uza kliem vulguri lejh bhalha membru tal-Kunsill u lejn il-Kunsill Lokali nnifsu. Dan kien dovut ghax il-Kunsill qabbad banda ohra filghodu flok il-banda tal-lokal. Is-Sur Cordina qal li tqabbdet banda ohra ghax intalab prezz gholi hafna biex il-banda kollha ddoqq filghodu wkoll. Wara kollox il-banda kienet ga ha tiehu sehem fil-programm ta' filghaxija. Is-Sur Spiteri talab li tintbaghat ittra fejn tigi mitluba apologija ghax dan mhux denju ghall-Kunsill u wara kollox habba dan l-incident qal is-sur Cordina m'ghandiex tittappan ir-relazzjoni ta' bejn il-Kunsill u s-Socjeta'
  **DECIZJONI LI TTIEHDET** : Kulhadd qabel.
- Li attenda ghal-laqgha tas-Sindki u ssemmiet il-White Paper u Swieq Miftuha. Qal li tqajjmu diversi punti u li l-Kunsill ta' H'Attard inghaqad ma' dak ta' Marsaxlokk sabiex tigi mniedija Bye-law minhabba li l-Kunsill mhux qed ikollu entrojtu mis-swieq u qed jispiccaw johorgu iktar milli jdahhlu.
- Ssuggerixxa li tintbaghat ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex ssir talba li l-ghassa ta' H'Attard tigi mghoddija lill-Kunsill sabiex jigu estizi l-ufficcini prezenti tal-Kunsill. Is-Sur Borg qal li l-ghassa prezentament tinsab maghluqa u li sema' li l-Kunsill ta' Hal Balzan ha jiccaqalqu minn fejn huma ghax ghalqilhom iz-zmien u aktarx ha jmorru flok l-Ghassa prezenti ta' Hal Balzan.

Is-Sur Gerald Borg ressaq dawn il-punti:

- Saqsa jekk hemmx xi zvilupp fuq l-isqaq Pjazzetta Nru. 2. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-fondi tal-UIF ghadhom baxxi cioe' €6,184.35 u jekk dan il-fond jibqa' baxx tahseb ghalih fil-Budget tas-sena d-diehla.
  **DECIZJONI LI TTIEHDET:** Kulhadd qabel
- Saqsa fuq it-tilqima kontra l-infuwenza u talab li s-sena d-diehla tingab fuq il-website tal-Kunsilli wkoll. Is-Sur Bartolo qallu li ghamel arrangamenti mal-Ministeru sabiex din tinghata bhas-sena l-ohra mill-Berga.
- Talab li jsir write-up fir-Rivista minn Charmaine Zahra li flimkien ma' grupp ta' xi tlettax zghazagh bhalha marru jeskalaw il-muntanja Kilimangaro u gabru €60,000 ghall-progett ta' skola ghall-foqra fl-Etijopja.
- Kemm kien tajjeb il-Pulizija fi Triq l-Imdina jidderiegi t-traffiku u kemm mexa bla xkiel.
- Meta ha jitqabbdu Pulizija pajzana sabiex jiehdu hsieb min jitfa' zibel f'positijiet projbiti u barra l-hin ta' gbir ta' skart. Is-Segretarju qalet li ha tintbaghat ittra sabiex jghinuna l-*Green Wardens.*

Is-Sur Ralph Cassar ressaq dawn il-punti:

- Gibed l-attenzjoni it-tindif tan-naha ta’ wara hdejn il-bring-in site fi Gnien il-Palma.
- Li ghandu jiltaqa’ mal-kuntrattur tas-sigar nhar it-Tnejn li gej fid-9.30 ta’ filghodu, flimkien mas-Sur Bonnici.
- Li fil-fuljett isiru artikli minn Henry Frendo u Marco Cremona, filwaqt li ssuggerixxa li jsiru tahdidiet ghar-residenti minn bhal per ezempju Joe Borg, Henry Frendo, l-Pulizija kontra l-frodi bhas-Sur Ferris, John Zammit fuq l-Anzjani u s-Sigurta’ fid-dar.
- Fakkar fuq is-Sinjali Storici
- Li jixtieq jerga’ jiltaqa ma’ Edward Said minhabba li issa li beda rrappurtat fuq l-embankment tal-Corinthia dan tal-ahhar jista’ jghin f’affarijiet ohra wkoll.
- Li Pjazza Tumas Dingli sfrundat xi bicca bankina sabiex tigi rrangata.

Is-Sur Marco Spiteri saqsa jekk hux sa ssir xi kompetizzjoni ghall-presepji din is-sena. Is-Segretarju qalet li bi hsiebha taghmel kollox bhas-soltu inkluz jekk il-Kunsill jaqbel il-Bazaar ta’ kull sena. Is-Sur Spiteri qal li jekk issir il-kompetizzjoni din tigi avzata fuq l-ambone tal-Knisja ghal tlett ihdud shah. Is-Sur Zammit qal li jekk ha jsir il-Bazaar bhas-soltu, ha jsir imma jitqassmu l-Kunsilliera bejniethom u ma tithallasx sahra lill-haddiema.

Is-Sur Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Talab li tigi rrangata l-bankina ta’ Triq Spatafora
- Saqsa f’hiex waslet l-ordni tal-bankijiet ta’ hdejn il-Qasam tal-Bini tal-Gvern.

Is-Sur Stefan Cordina ressaq dawn il-punti:

- Li s-servizz tal-knis hu tajjeb imma mhux sodisfatt fis-servizz kif qieghed prezenti. Hu qal li b’darba kull hmistax certu toroq mhux bizzejjed u hemm bzonn li tizdie il-frekwenza. Is-Sur Bonnici saqsa jekk Triq l-Imdina hix qed issir? Qal ukoll li qed jintefghu hafna karti minn xi hadd donnu bil-pika.
  **DECIZJONI LI TTIEHDET** : Il-Kunsill ghandu jiltaqa’ mal-kuntrattur u tigi emedata l-iskeda.
- Li jsir forma ta’ Public Private Partnership ma’ min hu nteressat jpoggi xi gabbana tal-injam u dan barra li jhallas lill-Kunsill ghall-Uzu ta’ Art Pubblika skond il-Bye-law jiehu hsieb ukoll il-manutenzjoni tal-Gnien. Is-Sur Raymond Azzopardi ma qabilx minhabba li dan se jikkreja nuqqas ta’ ndafa u ffullar bil-karozzi u nuqqas ta’ parkeggi.
  **DECIZJONI LI TTIEHDET** : Dan is-suggett ghandu jitpogga fuq l-Agenda tal-Kunsill li jmiss.
- Li jinsab iddizappuntat fuq it-tqassim tal-*leaflet* li sar il-gimgha l-ohra minhabba li tqassam tard jew wara l-gurnata ta’ gbir ta’ hwejjeg ghar-riciklagg u li hu gie offrut li l-Ghaqda Armar Mastru Karm Debono jaghmlu dan it-tqassim bl-istess rata ta’ Maltapost plc. Qal ukoll li s-Segretarju Ezekuttiv ghamlet ilment mal-istess kumpanija u gabet it-tqassim tal-*leaflet* li jmiss b’xejn.
  **DECIZJONI LI TTIEHDET** : Il-Kunsill laqa’ t-talba tal-Ghaqda Armar Mastru Karm Debono.
- Li waqt ix-xogholijiet ta’ Triq Xatbet l-Art il-kuntrattur Philip Agius and Sons gibdu cable tal-wire tad-dawl bil-cameras b’kollox minn Gnien Hal Warda. Hu qal li ntbaghat kont tal-ispejjez lill-kuntrattur u dan baghtu lura ghax qal li mhux tort tieghu imma ghax il-wires kienu baxxi.
  **DECIZJONI LI TTIEHDET** : Is-Sindku ssuggerixxa li jitnaqqsu mill-kont u kulhadd qabel.
- Li s-Sinjura Marica Mifsud ghamlitlu talba sabiex tibda tahdem bis-sistema tat-*Teleworking*. Hu qal li s-Sinjura Mifsud kienet originarjament talbitu tahdem minimu ta’ 4 sieghat fil-gimgha imma wara irrevediet l-applikazzjoni taghha u issa qed titlob li tahdem mit-8am sa 12pm l-ufficcju kuljum u l-kumplament

tahdimhom id-dar. Is-Sur Stefan Cordina talab lis-Sinjura Mifsud tohrog mill-kamra sabiex jiddiskutu dan il-punt privatament ghax hekk imur u sabiex ma jkunx hemm konflitt ta' nteress..
Is-Sinjura Mifsud giet imsejha ftit minuti wara.
**DECIZJONI LI TTIEHDET** : Il-Kunsill unaniment qabel li s-Sinjura Mifsud ghandha tapplika u tinghata t-*teleworking* ghall-perjodu ta' sena li jista' jigi rivedut. Is-Sur Cordina qal li s-Sinjura Mifsud kellha okkazjoni taghmel xoghol mid-dar waqt il-leave tal-maternita' u mhux talli hadmet sewwa imma x-xoghol sar kollu u ma waqax lura. Barra minn hekk l-ufficcju xorta ghandu zewg skrivani ohra fuq customer care u ghalhekk r-residenti huma moqdijin sewwa. L-applikazzjoni giet iffirmata mis-Sur Cordina u s-Sinjura Mifsud.

**9. AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa ġiet aġġornata ghall-Erbgha, 13 ta' Novembru 2013 fil-5.30pm.

________________________ Sindku

________________________ Data